Il-Papa Franġisku jistieden lilna lkoll matul ix-xahar ta' Settembru sabiex flimkien nitolbu biex iż-żgħażagħ fl-Afrika jkollhom aċċess għall-edukazzjoni u x-xogħol f'pajjiżhom.




**Qari:** *Minn diskors ta' Papa Franġisku waqt iż-żjara tiegħu f'Nairobi fl-2015*

In-nazzjon tagħkom hu nazzjon żagħżugħ. F'dawn il-jiem nistenna li niltaqa' ma' ħafna żgħażagħ u nitkellem magħhom biex inħeġġeġ fihom it-tama u l-istennija tal-futur. Iż-żgħożija hi r-riżorsa l-aktar prezzjuża ta' kull pajjiż. Nipproteġu liż-żgħażagħ, ninvestu fihom u nagħtuhom daqqa t'id. Dan hu l-aħjar mod li bih nistgħu nassiguraw futur mimli bl-għaqal u bil-valuri spiritwali tant għeżież għall-anzjani tagħhom, valuri li huma l-qalb u r-ruħ ta' kull poplu.

Sinjuri, il-promozzjoni u l-preservazzjoni ta' dawn il-valuri kbar jinsabu f'idejkom b'mod speċjali, intom li tmexxu l-ħajja politika, kulturali u ekonomika ta' pajjiżkom. Din hi responsabbiltà kbira, ....inħeġġiġkom biex taħdmu bl-integrità u t-trasparenza għall-ġid komuni u biex iġġibu 'l quddiem spirtu ta' solidarjetà f'kull livell tas-soċjetà. Nitlobkom, partikolarrment, biex ikollkom preokkupazzjoni ġenwina għall-ħtiġijiet tal-foqra, għall-aspirazzjonijiet taż-żgħażagħ u biex ir-riżorsi umani u naturali li bihom il-Ħallieq bierek il-pajjiż tagħkom ikunu mqassmin bil-ġustizzja.

Mulej, kemm aħna differenti minnek!
Lil kull wieħed u waħda minna tgħidilna:
"La tibżax, għax jien fdejtek:
jien sejjaħtlek b'ismek; inti tiegħi."
Inti tieħu ħsieb lil kull wieħed u waħda minna.
Inti tħobbna lkoll u Inti ġust ma' kulħadd.
U aħna Mulej, kif nimxu ma' xulxin?
Wisq nibża' li l-ewwel infittxu l-ġid tagħna, il-kumdità tagħna,
imbagħad forsi naħsbu f'ħaddieħor.
Mhux ta' b'xejn, kull fejn imur il-Papa Franġsiku
jħeġġiġna li naħdmu favur it-tqassim ġust tal-ġid komuni.
Nitolbuk Mulej sabiex il-mexxejja tal-pajjiżi Afrikani
jaħdmu favur il-fqir, favur il-batut, favur il-futur taż-żgħażagħ.

Mulej Ġesù, meta int kont tgħix fostna, qatt ma tkabbart
u kont tgħix bħala wieħed minna,
tant li darba qalu; "Minn fejn ġabu dan l-għerf?
Dan mhux bin Ġużeppi u Marija?"
Agħmel Mulej li l-mexxejja Afrikani
ma jħallux li l-poter jitla' għal rashom
u moħħhom biss kif isiru sinjuri,
iżda biex iħarsu l-ġid tal-pajjiż, u jqassmu l-ġid komuni b'mod ġust.
Mulej nitolbuk tagħtihom id-dehen ħalli jimxu bi trasparenza,
ħalli l-ħidma tagħhom tissarraf fi proġetti
li joħolqu impjiegi għaż-żgħażagħ,
u biex joħolqu pajjiż mibni
fuq sisien ta' ekonomija b'saħħitha u sostenibbli.
Mulej għinhom ħalli huma joffru liż-żgħażagħ it-tama,
kif ukoll il-possibiltà li dawn jirċievu edukazzjoni xierqa
li twassalhom għal opportunitajiet ta' xogħol f'pajjiżhom,
kif ukoll ħlas xieraq għal xogħolhom.

**KANT**

**Qari:** *Minn diskors ta' Papa Franġisku li għamel fil-Kenja fl-2015* b'riferenza għar-reklutaġġ ma' gruppi li jħaddnu ideoloġiji fanatiċi.

Anki Manuel fix-xhieda tiegħu għamel mistoqsijiet inċiżivi. Tħassibni l-ewwel ħaġa li qal: "X'nistgħu nagħmlu biex inwaqqfu r-reklutaġġ tal-għeżież tagħna? X'nistgħu nagħmlu biex inġibuhom lura?" Biex inwieġbu għal dan jeħtieġ inkunu nafu għaliex żagħżugħ, mimli bit-tamiet, imur rekluta jew ifittex li jiġi reklutat: jitbiegħed mill-familja tiegħu, minn ħbiebu, mit-tribù tiegħu, minn pajjiżu; jitbiegħed mill-ħajja tiegħu, biex jitgħallem joqtol… U din hi mistoqsija li intom għandkom tagħmlu lill-awtoritajiet kollha. Jekk żagħżugħ jew żagħżugħa, jekk raġel jew mara, m'għandux xogħol, ma jistax jistudja, x'jista' jagħmel? Jista' jsir delinkwent, jew jaqa' f'xi forma ta' dipendenza, jew jagħmel suwiċidju…, jew jidħol f'xi attività li tagħtih skop f'ħajtu, anke jekk tqarraq bih…

L-ewwel ħaġa li rridu nagħmlu biex nevitaw li żagħżugħ imur rekluta hu li nipprovdu tagħlim u xogħol. Jekk żagħżugħ m'għandux xogħol, x'futur hemm jistennieh? Minn hemm tiġi l-idea li jidħol rekluta. Jekk żagħżugħ m'għandux possibiltajiet li jirċievi

edukazzjoni, anki edukazzjoni bażika...., x'jista' jagħmel? Hemm jinsab il-periklu! Hu periklu soċjali li jmur lil hemm minna, anki lil hemm mill-pajjiż, għax jiddependi minn sistema internazzjonali, li hi inġusta, u li għandha fiċ-ċentru tal-ekonomija mhux il-persuna, imma l-alla-flus.

Mulej, x'sistema inġusta!
Sistema internazzjonali li, kif qal il-Papa Franġisku,
għandha fiċ-ċentru tagħha mhux il-bniedem imma l-flus,
sistema li tiddetta x'jiġri fil-pajjiżi madwar id-dinja....,
sistema li tgħakkes il-fqir biex jistagħnew il-ftit!
Bil-kemm nista' nimmaġina d-diffikultajiet kbar
li jiltaqgħu magħhom iż-żgħażagħ Afrikani!
Min jaf kif iħossuhom meta jaraw
li l-ġid materjali ta' pajjiżhom sejjer għand il-barranin,
meta jaraw li l-frott ta' dan il-ġid mhux imqassam b'mod ġust!
Tgħid xi jħossu Mulej meta lanqas
jistgħu jgawdu d-dritt li jaħdmu f'pajjiżhom
jew li jgawdu b'mod ġust mill-frott ta' xogħolhom!
Għalhekk Mulej, flimkien mal-isqfijiet Afrikani nitolbu sabiex
l-industriji lokali jiġu żviluppati b'mod
li joħolqu xogħol għaż-żgħażagħ Afrikani,
li n-numru tagħhom dejjem qed jikber.
Mulej, agħti d-dehen lill-mexxejja tal-pajjiżi Afrikani,
li suppost qed jaħdmu biex jeqirdu l-faqar f'pajjiżhom,
sabiex ma jħallux lil nieshom ibatu l-ġuħ u l-miżerja,
miżerja li ħafna drabi hi kkawżata mill-mexxejja stess,
flimkien ma' poteri barranin.
Mulej, il-Papa qal; "Li ma jkollokx xogħol ma jfissirx biss
li ma jkollokx dak li hu neċessarju biex tgħix,
iżda li int ma tistax tipprovdi l-ikel għall-familja tiegħek.
U din hi ħaġa gravi ħafna għax il-persuna titlef id-dinjità."
Għinna Mulej ħalli aħna nagħtu s-sehem tagħna wkoll
billi ma nixtrux prodotti tal-kumpaniji li
ma jagħtux ħlas xieraq lill-ħaddiema tagħhom.
B'hekk inkunu qed ngħinu biex kulħadd ikollu d-dinjità li joffri x-xogħol.

## KANT

## Nitolbu flimkien

Nitolbuk Mulej sabiex iż-żgħażagħ Afrikani jkollhom l-opportunità li jieħdu sehem sħiħ fil-ħajja tas-soċjetà ta' pajjiżhom.

Nitolbu ... Ismagħna nitolbuk Mulej.

Nitolbuk Mulej għall-mexxejja tal-pajjiżi Afrikani biex huma jagħrfu jmexxu bil-għaqal u t-trasparenza u jagħrfu li għandhom id-dmir li liż-żgħażagħ joffrulhom it-tama, kif ukoll aċċess għall-edukazzjoni u għax- xogħol, u ħlas xieraq tax-xogħol li jagħmlu.

Nitolbu ... Ismagħna nitolbuk Mulej.

Nitolbuk Mulej sabiex tikber il-ġustizzja fil-pajjiżi Afrikani u biex il-ġid komuni jitqassam b'mod ġust.

Nitolbu ... Ismagħna nitolbuk Mulej.

Għin Mulej lil dawk iż-żgħażagħ Afrikani li jħossuhom frustrati u mdejqa għax m'għandhomx xogħol u li qed jgħixu fil-faqar, sabiex isibu min jgħinhom u joffrilhom xogħol onest li bih jaqilgħu l-għejxien tagħhom, biex b'hekk ikunu jistgħu jgħixu ħajjithom b'dinjità.

Nitolbu ... Ismagħna nitolbuk Mulej.

Mulej, nitolbu flimkien ma' Papa Franġisku sabiex *"id-dinja tagħna ssir solidali b'ħafna manjieri ma' min hu fil-bżonn u biex twarrab il-globalizzazzjoni tal-'kultura tal-iskart' li tagħlqilna għajnejna għall-valuri spiritwali, twebbsilna qlubna quddiem il-ħtiġijiet tal-foqra u tisraq it-tama liż-żgħażagħ."*

Nitolbu ... Ismagħna nitolbuk Mulej.